MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 102/2007

Loretu u Antonia konjugi Xuereb

Vs

Paul Axiaq

Il-Qorti,

**Ritrattazzjoni – Ghoti ta’ garanzija f’kaz ta’ ritrattazzjoni minn sentenza ta’ qorti ta’ l-ewwel grad - Elementi ta’ zball ta’ fatt (Artikolu 811(l) tal-Kap. 12) – Kwistjoni jekk hemmx dritt ta’ ritrattazzjoni minn sentenza ta’ qorti tal-ewwel grad meta r-rikorrent ritrattand kien notifikat bir-rikors guramentat u ghalkemm ipprezenta risposta guramentata u talba rikonvenzjonali, naqas milli jidher fis-seduti u m’appellax mis-sentenza – Artikolu 812 tal-Kap. 12.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta' Settembru 2007 u li permezz tieghu r-rikorrent Paul Axiaq qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex:-

1. Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tas-27 ta' Gunju 2007 fil-kawza fl-ismijiet Loretu Xuereb et vs Paul Axiaq (Rikors numru 56/2007PC), skond l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Loretu Xuereb et vs Paul Axiaq (Rikors numru 56/2007PC) deciza fis-27 ta' Gunju 2007.

Ir-rikorrent ippremetta li permezz tal-kawza fl-ismijiet Loretu Xuereb et vs Paul Axiaq (Rikors numru 56/2007PC), ir-ritrattati talbu dikjarazzjoni li r-ritrattand ma kienx hallas kera b'effett minn Settembru 2006, sad-data li giet prezentata l-kawza u dan bi ksur ta' dak li jiddisponi l-ftehim ta' lokazzjoni tal-14 ta' Lulju 2005.
Permezz ta' dawk il-proceduri, ir-ritrattati talbu sabiex il-Qorti tiddikjara li l-kirja tal-fond bin-numru 16 u 17 fit-Triq Manuel De Vilhena fl-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex giet terminata peress li r-ritrattand naqas milli jhallasha u talbu wkoll sabiex il-Qorti tordna l-izgumbrament tieghu minn gewwa dan il-fond.

Permezz ta' sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2007, il-qorti laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li r-ritrattand ma kienx hallas il-kera dovut u filwaqt li ordnatlu jhallas il-kera, iddikjarat terminata l-kirja tal-fond 16 u 17 fit-Triq Manuel De Vilhena fl-Imgarr, Ghajnsielem u ordnat li fi zmien xahar jizgombra minn gewwa dan il-fond.

Ir-ritrattand kompla jippremetti li din is-sentenza nghatat b'effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza in kwantu l-Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-konsiderazzjoni li r-ritrattand ma wegibx ghall-kawza u "…ghalhekk baqa' kontumaci" meta fil-fatt huwa kien iddefenda ruhu bil-miktub tant li fit-13 ta' Gunju 2007 kien ipprezenta risposta guramentata fit-terminu stabbilit mil-ligi u sahansitra ghamel ukoll talba rikonvenzjonali.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fil-5 ta' Novembru 2007, ir-ritrattati eccepew:

1. L-azzjoni ta' Paul Axiaq ghar-ritrattazzjonni hi nulla ghaliex ma saritx il-garanzija kif mehtieg skond l-Artikolu 815 tal-Kap. 12.
2. It-talba tar-ritrattand ma tistax tintlaqa' in kwantu kien jaf bil-fatti li minhabba fihom seta' jitlob ritrattazzjoni u ghazel li ma jappellax.
3. It-talba ghal ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 ghandha tigi michuda in kwantu l-izball li hemm riferenza ghaliha ma jeffetwax is-sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2007. Is-sentenza nghatat wara li gew prezentati kapitoli ghas-subizzjoni tar-ritrattand u huwa naqas li jikkontesta l-istess kapitoli meta nfethu. Tant hu hekk li s-sentenza nghatat a bazi ta' dan il-fatt.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet verbali li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Fl-14 ta' Lulju 2005, sar ftehim ta' lokazzjoni bejn il-kontendenti li bih ir-ritrattand ha b'kera minghand ir-ritrattati l-fond bin-numru 16 u 17 fit-Triq Manuel De Vilhena fl-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex.
(b) Fil-21 ta' Mejju 2007 ir-ritrattati pprezentaw kawza (Rikors numru 56/2007PC – **Loretu Xuereb et vs Paul Axiak**) quddiem din il-Qorti li permezz taghha talbu li l-inkwilin jigi kundannat ihallas il-kera, tiddikjara li l-kirja hi terminata ghaliex Paul Axiak naqas milli jhallas il-kera u tordna l-izgumbrament ta' l-istess inkwilin.
(c) Fid-29 ta' Mejju 2007, Paul Axiak gie notifikat bir-rikors guramentat u bl-avviz ghas-smiegh.

(d) Il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-20 ta' Gunju 2007.

(e) Fit-13 ta' Gunju 2007, Paul Axiakipprezenta risposta guramentata fejn ikkontesta t-talba ghall-hlas u sahansitra pprezenta talba rikonvenzjonali li permezz taghha talab dikjarazzjoni li l-ftehim ta' lokazzjoni *"huwa vizzjat b'qerq perpetrat mill-atturi rikorrenti rikonvenuti fil-konfront tal-konvenut intimate rikonvenjenti"* u ghalhekk talab ukoll dikjarazzjoni li l-ftehim ta' lokazzjoni hu null u bla effett. Ghamel ukoll talba ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni.

(f) Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2007 gie verbalizzat: *"Meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Dr. Chris Said. Il-konvenut u d-difensur tieghu msejha tlett darbiet ma dehrux. Gew prezentati kapitoli fil-konfront tal-konvenuti. Kawza tibqa' differita ghas-subizzjoni tal-konvenut ghas-27 ta' Gunju 2007"*.

(g) Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2007 gie verbalizzat: *"Meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Dr. Chris Said. L-intimat imsejjah tlett darbiet naqas li jidher. Infethu l-kapitoli, u ghal hekk gew dikjarati ammessi. Kawza poposta ghas-sentenza"*.

(h) Fil-fatt dakinhar stess il-kawza giet deciza fis-sens li l-Qorti laqghet it-talbiet kollha tal-konjugi Xuereb, u ffissat terminu ta' xahar sabiex l-istess Paul Axiak jizgombra mill-fond in kwistjoni izda ma nghatat l-ebda decizjoni dwar it-talba rikonvenzjonali li ghamel ir-ritrattand. Fil-parti tad-decide gie dikjarat li *"Il-Qorti ghal hekk, wara illi ssejjah tlett darbiet il-konvenut, fethet il-kapitoli, tiddikjara l-istess kapitoli ammessi, u ghal hekk tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici….".* Madankollu, fil-konsiderazzjonijiet l-Qorti ddikjarat ***"Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Paul Axiak li gie notifikat b'dan ir-rikors fid-29 ta' Mejju 2007. Innutat illi l-istess konvenut baqa' ma wegibx ghal dan ir-rikors, u ghal hekk baqa' kontumaci. Innutat ukoll li fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2007 gew prezentati l-kapitoli fil-konfront ta' l-istess konvenut"*** (sottolinejar tal-Qorti).

(i) Mis-sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2007 ma sarx appell min-naha tar-ritrattand.

2. L-ewwel eccezzjoni moghtija mir-ritrattati hi fis-sens li l-procedura odjerna hi nulla in kwantu r-ritrattand naqas milli jaghti l-garanzija kontemplata mill-Artikolu 815 tal-Kap. 12, li jipprovdi:

*"Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, it-talba ghar-ritrattazzjoni, f'qorti ta' l-ewwel grad, ghandha ssir **b'rikors guramentat**, u quddiem il-qorti fi grad ta' appell, **b'rikors**; flimkien mal-prezentata tar-rikors ghandha tinghata l-garanzija ghall-ispejjez skond l-artikolu 249"*.

Dan il-provvediment jaghmel distinzjoni bejn rikors guramentat u rikors, fis-sens li fil-kaz ta' rikors guramentat ma jinghadx li ghandha tinghata garanzija ghall-ispejjez. Qabel l-emenda ntrodotta bl-Att XXII tal-2005, l-Artikolu 815 tal-Kap. 12 kien identiku bl-eccezzjoni li minflok il-kliem *"b'rikors guramentat"* kien hemm il-kelma ***"citazzjoni"***. Hu evidenti li l-emenda ntrodotta bl-Att XXII tal-2005 kienet sempliciment intiza sabiex tinehha c-citazzjoni bhala att gudizzjarju u l-legislatur issostitwiha bir-rikors guramentat. L-iskop tal-emenda zgur li ma kienitx sabiex tibda tinghata garanzija f'kull procedura ghar-ritrattazzjoni, irrispettivament quddiem liema qorti ssir it-talba[1]. Inoltre, l-Artikolu 249 tal-Kap. 12 jittratta garanzija ghall-hlas ta' spejjez fi proceduri pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, li m'huwiex il-kaz taghna. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti fejn issir procedura ta' ritrattazzjoni quddiem qorti ta' l-ewwel grad (irrispettivament jekk hijiex inferjuri jew superjuri), m'hemmx htiega li kontestwalment mar-rikors guramentat tinghata garanzija ghall-ispejjez. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda, u m'hemmx lok li jinghata xi provvediment li fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2007 din il-Qorti rrizervat li taghti fir-rigward tal-ghoti tal-garanzija.

3. Fir-rigward tal-meritu, bhala principji legali hu maghruf li:-

[1] *"…. **<u>l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha dejjem tkun marbuta mal-finalita' taghha</u>**. M'ghandhiex tigi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li taghti lok ghall-vessazzjoni bla raguni b'applikazzjoni litterali li qatt ma setghet kienet fil-hsieb tal-legislatur"* (**Carmel Zammit vs Anthony Sultana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-31 ta' Jannar 1994).

(a) Ir-ritrattazzjoni hi rimedju li min-natura taghha stess hi straordinarja; *"ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu rimedju straordinarju u jidderoga ghall-principju tal-irrevokabilita` tal-gudikati; u ghalhekk ma jammettix interpretazzjoni estensiva"* (**Kollez. Vol XXXIV pI p293**).
(b) Il-procedura ta' ritrattazzjoni ma kienet qatt intiza, u ghalhekk m'ghandhiex tintuza, sabiex ikun hemm forma ta' tribunal tat-tielet istanza b'ezami mill-gdid tal-kawza fil-meritu.
(c) Pre-kondizzjoni ghal din l-azzjoni hi li, *"Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell"* (Artikolu 812 tal-Kap. 12).
(d) *"Biex l-izball ta' fatt, ravvizat fil-paragrafu (l) imsemmi, jaghti kawza ghar-revoka tas-sentenza jehtieg illi (i) l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni, (ii) l-izball jirrizulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti w dokumenti godda biex tingieb 'l quddiem il-prova ta' l-izball, (iii) l-istess zball ikun manifest, tali, cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant, (iv) l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri li l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza (u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata), u (v) l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma jkunx ifforma punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat"* (**Marie Louise sive Marie Muscat Inglott vs Louis Manduca** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Dicembru 2002).

4. Galkemm hu minnu li din il-kawza saret f'inqas minn tlett xhur minn meta inghatat is-sentenza, dan m'huwiex il-kriterju wahdieni li r-ritrattand irid juri biex jeghleb l-eccezzjoni li ressqu l-imharrkin ritrattati. Irid juri qabel kull haga ohra li l-fatt allegat li minhabba fih qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni, sar jaf bih wara li kien ghalaqlu z-zmien sabiex jappella mis-sentenza. Fil-kors tat-trattazzjoni, l-abbli difensur tar-rikorrent argumenta li l-ghazla tar-rimedju (cjoe' jekk kellux isir appell jew ritrattazzjoni) kien jispetta lill-patrocinat tieghu u li f'dan il-kaz ir-rimedju tal-appell ma kienitx procedura effikaci ghal dak li ried ir-rikorrent. Din it-tezi hi ghal kollox zbaljata in kwantu l-Artikolu 812 tal-Kap. 12 jaghmilha cara li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hi eccezzjonali u m'hijiex kwistjoni ta' ghazla in kwantu kellhom jigu ezawriti l-mezzi kollha ordinarji disponibbli qabel ma wiehed jirrikorri ghall-procedura ta' ritrattazzjoni; *"Il-bazi ta' dan il-provvediment li jirregola l-istitut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni taghha mill-principju kardinali li s-sistema gudizzjarju hu mibni fuq l-opportunita' ta' appell wiehed minn sentenza ta' l-ewwel grad u li ma hux permess hlief f'kazijiet eccezzjonali li l-Qorti terga' tikkonsidra dak li jkun b'mod jew iehor ghadda in gudikat u jaghmel stat bejn il-partijiet"* (**Joseph Cardona vs Marija Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-5 ta' Ottubru 1994).

5. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni ma jidhirx li hu disponibbli fejn il-parti li tkun qeghda titlob tali rimedju kienet negligenti fil-mod kif agixxiet fil-kors tal-proceduri. Mill-provi rrizulta li r-rikorrent kien gie notifikat bl-avviz ta' appuntament tas-smiegh tal-kawza (il-kawza kienet giet appuntata ghas-seduta tal-20 ta' Gunju 2007). Madankollu naqas milli jidher ghall-ewwel u ghat-tieni seduta. Fil-kawza fl-ismijiet **Saviour Cilia et vs Gasan Insurance Agency Limited nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2004, gie osservat li r-ritrattand *"…..messu kien jaf biha* (cjoe' s-sentenza) *kieku ndenja ruhu jidher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba jew ghallanqas li jsegwi l-perkors taghha. Certament, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ma jistghax jippretendi li ghall-*

*inerzja tieghu ghandu jigi premjat bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Proprju ghax straordinarju dan ir-rimedju, ma jidherx li hu miftuh lil kull min jommetti d-difiza jew ihalli l-kawza tigi deciza u t-terminu ta' l-appell jiddekorri biex imbaghad jirrikorri ghall-istess rimedju. Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "**Attilio Crescuoli noe -vs- Negte Salvatore Zammit**", Qorti Kummerc, 21 ta' Frar 1920 (**Vol XXIV pIII p780**), "gli attori dovevano almeno verificare che cosa fosse divenuto della causa ed avrebbero potuto facilmente verificare che la sentenza era stata data in tempo utile per la interposizione dell'appello. Gli attori non pretendono che I fatti dai quali a loro giudizio, risultano i motivi per la ritrattazione siano venuti a loro cognizione dopo il decorrimento del termine per l'appello, ma bensi di non essersi curati di verificare, in tempo utile, che cosa fosse divenuto della causa e di essere venuti in cognizione della sentenza,dopo trascorso il termine per l'appello"*. F'dik il-kawza ghalkemm il-konvenut ritrattand kien gie notifikat bil-kawza, naqas li jikkontesta t-talba tas-socjeta attrici ritrattata. L-istess Qorti presjeduta mill-istess gudikant fil-kawza fl-ismijiet **Arthur Taliana et vs Godwin Falzon proprio et nomine**[2] osservat li *"Oggettivament, minn dak riskontrat fiz-zewg processi jista' jinghad li l-atturi li qed jitolbu r-ritrattazzjoni ma setghux ma kienux jafu bil-fatti li jaghtu lok ghaliha. Anzi hu prezunt li kienu jafu gjaladarba gew notifikati debitament bl-avviz u bis-smiegh tal-kawza; u sahansitra intavolaw noti tal-Eccezzjonijiet.* ***Jekk kienu jafu, jew setghu kienu jafu u, bi ftit attenzjoni, kellhom gharfien ukoll tad-decizjoni allura ma jistghax ragjonevolment jinghad illi huma ma setghux utilment jinqdew mir-rimedju ordinarju tal-appell. F'dawn ic-cirkostanzi hu gust u sewwa li huma ma jkunux jistghu jigu ammessi li jezercitaw ir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni*"**. Hekk ukoll fil-kawza **Joseph Cardona vs Marija Scicluna**, hawn fuq citata, ghalkemm ir-ritrattand kien ipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet qatt ma deher biex jikkontesta l-fatti kif allegati kontra tieghu. Il-fatt li r-ritrattand kien naqas milli jattendi ghas-seduti u jressaq provi wassal lill-Qorti biex

[2] Deciza fil-5 ta' Marzu 2003.

tikkonkludi li ma kienx hemm dritt ta' ritrattazjoni. In sostenn ta' dan, il-Qorti ccitat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Marzu 1894 fil-kawza **Zonda vs Parthaus** (Vol. XIV.220) fejn inghad li: *"l'autorita' del giudicato non puo' essere scossa, ne anche col rimedio straordinario della ritrattazione per la nuova deduzione di simiglianti mezzi di difesa non dedotti nel primo giudizio. In altri termini cio che da luogo alla ritrattazione e', senza distinzione di persone, la difesa resa impossibile ma non la omissione o l'insufficienza della difesa"*. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Stella Chappell vs Antonio Sammut** deciza mill-Qorti ta' l-Appell[3] fis-17 ta' Mejju 1943, il-Qorti cahdet it-talba ghal ritrattazzjoni in kwantu r-ritrattand kien naqas milli jikkontesta u jidher quddiem il-Qorti u halla l-kawza tigi deciza u sussegwentement irrikorra ghar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni.

Mill-atti tal-kawza **Loretu Xuereb et vs Paul Axiak** (Rikors numru 56/2007) irrizulta li fl-ewwel seduta l-atturi ghamlu uzu minn procedura li toffri l-ligi, dik li pprezentaw kapitoli fil-konfront tal-konvenut (illum ritrattand). Fil-fatt huma ottjenew sentenza per mezz ta' prova li tpoggi ghad-disposizzjoni l-ligi wkoll. M'hemmx dubju li l-kaz odjern hu wiehed ta' *imputet sibi* min-naha tar-ritrattand, fejn baqa' passiv u naqas milli jattendi ghas-seduti u jsegwi l-kors tal-kawza tant li ppermetta l-perjodu ta' l-appell ighaddi inutilment. Dan minghajr ma tressqet xi raguni li tista' tiggustifika dan l-agir min-naha tar-ritrattand. Ma jidhirx li kien hemm xi raguni li impediet lir-ritrattand milli jaghmel uzu mill-procedura mqieghda ghad-disposizzjoni tieghu sabiex fl-istadju opportun isostni d-difiza tieghu fil-kawza li taghha qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni, u li f'kull kaz permezz ta' l-appell jsostni bhala aggravju xi impediment legittimu ghan-nuqqas tieghu li jidher fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2007 u li minhabba fih ma setax iwiegeb ghall-kapitoli[4] li saru kontra tieghu jew sahansitra sabiex jikkontesta l-validita' tas-sentenza.

---

[3] Imhallef Prof. Dr. E. Ganado.

[4] Ara per ezempju sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) [Imhallef J. Said Pullicino] fil-kawza **Anthony Borg vs Samuel Veneziani** deciza fil-5 ta' Ottubru 1998.

6. Inoltre, r-rikorrent ritrattand ghazel li ma jixhedx sabiex jipprova jispjega x'kienet ir-raguni ghalfejn ma deherx ghas-seduti jew ghalfejn ma appellax mis-sentenza li nghatat fis-27 ta' Gunju 2007. Kien biss fil-kors tat-trattazzjoni li d-difensur tieghu argumenta li kien in segwitu ghall-ittra ufficjali prezentata mir-ritrattati fis-17 ta' Settembru 2007, li huwa sar jaf bis-sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2007 minghajr ma nghata ebda hjiel ta x'wassal ghal dan il-fatt. Inoltre, wiehed ghandu jiftakar li sottomissjonijiet li jsiru mill-avukati m'humiex provi. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis** deciza fis-16 ta' Frar 2007 osservat li *"……l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)"*. Fil-kawza fl-ismijiet **Saviour Cilia et vs Gasan Insurance Agency Limited nomine** (gja citata), gie sottolinejat li n-nuqqas tar-ritrattand li jixhed u jgib provi dwar il-fatti li jissemmew fl-Artikolu 812 tal-Kap. 12 ikun ifisser li *"… hu naqas li jissodisfa l-pre-kondizzjoni stabbilita mil-ligi illi hu sar jaf bil-fatti wara li s-sentenza ritrattanda ghaddiet in gudikat. Din il-mankanza tieghu ma tistghax issa sservih ta' pretest ghall-finijiet tar-rimedju tar-ritrattazzjoni. Sewwa ghalhekk gie kummentat mis-socjeta` appellata illi **l-appellant ma setghax, ghat-traskuragni tieghu, jippretendi li jinjora d-dispost ta' l-artikolu 812 biex minflok jippretendi b'jedd li ghandu jkollu aditu ghar-rimedju tas-smiegh mill-gdid tal-kawza**"* (sottolinejar tal-Qorti). Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Arthur Taliana et vs G odwin Falzon proprio et nomine** deciza mill-istess Qorti fil-5 ta' Marzu 2003, gie kkonfermat li ghal finijiet tal-Artikolu 812 tal-Kap. 12 *"… kien mehtieg li l-parti iggib **prova sodisfacenti, konvincenti u univoka** illi 'hi giet taf bil-fatti' wara li ghalqilha z-zmien ta' l-appell"* (sottolinejar tal-Qorti). Prova li m'ghandniex fil-kaz odjern.

7. Bla pregudizzju ghal dak li nghad, kif rajna l-bazi tat-talba tar-ritrattand hi li s-sentenza nghatat minhabba zball in kwantu l-Qorti bbazat *"…id-decizjoni taghha fuq il-konsiderazzjoni li r-ritrattand ma wegibx ghall-kawza u '…ghalhekk baqa' kontumaci'"* (fol. 2) meta permezz ta' risposta guramentata fit-13 ta' Gunju 2007 kien wiegeb bil-miktub u sahansitra ressaq talba rikonvenzjonali. Minn qari tas-sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni hu evidenti li l-bazi tad-decizjoni moghtija fis-27 ta' Gunju 2007 m'huwiex il-fatt li l-konvenut kien kontumaci, imma pjuttost li fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2007 gew prezentati l-kapitoli u fis-seduta ta' wara infethu l-kapitoli u gew ammessi wara li l-konvenut rega' naqas milli jidher. Fil-fatt fil-parti tad-decide jinghad hekk: ***"Il-Qorti ghal hekk, wara illi ssejjah tlett darbiet il-konvenut, fethet il-kapitoli, tiddikjara l-istess kapitoli ammessi,*** ***<u>u ghalhekk</u> tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici……."*** (sottolinejar tal-Qorti). Ghalhekk jidher li d-decizjoni tal-gudikant giet determinata mhux mill-impressjoni zbaljata li l-konvenut kien naqas milli jipprezenta risposta guramentata imma mill-fatt li gew prezentati l-kapitoli u fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2007 gew ammessi wara li l-konvenut gie msejjah tlett darbiet u naqas milli jidher. Ghall-Qorti l-kapitoli kienu prova ta' ammissjoni min-naha tal-konvenut (illum ritrattand) ghat-talbiet tal-atturi (illum ritrattati)[5]. Minn qari tar-rikors guramentat hu car li r-ritrattand ibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 in kwantu l-Qorti qalet li l-konvenut ritrattand kien kontumaci meta mill-atti jirrizulta li ma kienx. Pero' kif rajna, sabiex jissusisti l-izball huwa mehtieg li dak l-izball ikun il-fattur li ddetermina d-decizjoni tal-gudikant, cjoe' li jkun *"…jikkostitwixxi l-fondament*

[5] Din il-Qorti ma tistax tittratta l-kwistjoni jekk il-Qorti ghamlitx sew li bbazat id-decizjoni fuq il-kapitoli mehud in konsiderazzjoni li s-subizzjoni hi mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza. Dan m'huwiex ezercizzju li jista' jsir fi proceduri ta' ritrattazzjoni. Fil-fatt hu maghruf li fis-subizzjoni,*"il-Qorti ghandha tuza dejjem id-diskrezzjoni taghha u tara x'inhija l-prova l-aktar kredibbli; u dan sal-punt li tista' sahansitra ix-xindi l-prova li gejja mis-subizzjoni. B'mod li, jekk il-kapitolu deferit lill-attur, anki prezunt konfessat, mhux bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex jinnewtralizza l-provi tal-attur, il-kreditu ta' dan ghandu jigi ritenut pruvat"* (Vol. XL.ii.702).

*principali tas-sentenza"*[6]. Ir-ritrattand jidher li qieghed ukoll jinsa li skond l-Artikolu 201 tal-Kap. 12, *"Jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xiehda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher"*. Disposizzjoni li m'hemmx dubju li kienet tapplika ghal finijiet tat-talbiet tar-ritrattati konjugi Xuereb.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi r-rikors guramentat billi:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ritrattati.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrent ritrattand.

Spejjez ta' l-ewwel eccezzjoni a karigu tat-ritrattati, u l-kumplament a karigu tar-rikorrent ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] **Gaetano Mifsud vs Gaetano Zahra** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.i.323).